MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 467/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elf, disa mija u disghin (1990) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru elf sitt mija u hamsa u erbghin (1645) hawn anness u mmarkat bhala Dok DG1;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-

Nutar Dottor Ian Spiteri fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) hawn anness u mmarkat bhala Dok LM 3;

Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Jannar tas-sena elfejn u disa' (2009) u ghalhekk aktar minn erba' (4) snin u ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi frott ta' dan iz-zwieg twieldet binthom, N li illum ghandha l-eta' ta' ghoxrin sena (20);

Illi ir-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom de facto separati minn Jannar tas-sena 2009 u illi ilhom legalment separate mit-22 ta' April tas-sena 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------